**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2002

**Numru 16**

**Avviz numru 842/02JR**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Johanna Critien u zewgha Guido Critien**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-4 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf mija u hamsin lira Maltija (Lm1150.00), rapprezentanti import ta' ghaxar (10) kambjali, kollha ta' mija u hmistax-il lira (Lm115.00)il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Marzu 2002 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri 1 sa 10 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont bilancjali ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba kif ridotta tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltija (Lm1150.00), bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**